MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 937/1987/1

**L-Avukat Dottor Grazio Mercieca ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Bankarja “Bank of Valletta Limited”**
**u b’nota tas-26 ta’ Gunju 1992 Rudolph Xuereb assuma l-atti tal-kawza minflok l-Av. Grazio Mercieca ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited.**

**vs**

**Joseph Cassar bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza**
**tas-socjeta` kummercjali “Agrex Limited”;**
**Joseph Borg u Joseph Cassar f’isimhom proprio;**

**Joseph Borg bhala direttur ghan-nom tas-socjeta` kummercjali "Marks & Charles Limited" u b'digriet ta' l-10 ta' Gunju 1992 Eugenio sive Gino Borg u Moira xebba Borg gew kjamati in kawza; u b'digriet tat-28 ta' Lulju 1992 gew nominati Dr. Anthony Farrugia Sacco u P.L. Anthony Farrugia bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Eugenio sive Gino Borg u b'digriet tat-2 ta' Novembru 1994 Simon Balzan assuma l-atti tal-kawza f'isem is-Socjeta` Marks & Charles Limited minflok Joseph Borg billi m'ghadux direttur ta' l-istess.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan li gej huwa provvediment f'forma ta' digriet fuq talba maghmula b'rikors min-naha ta' l-appellanti proprio et nomine pprezentat fil-mori ta' l-appell in data tal-25 ta' Settembru 1997 (ara fol. 225 tal-process). It-talba kienet ghall-fini tas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza – li giet fil-fatt milqugha b'digriet in parte moghti fis-26 ta' Settembru 1997 (fol. 231) – kif ukoll ghall-fini ta' l-otteniment ta' awtorizzazzjoni sabiex l-appellanti "jigu ammessi jipprezentaw id-dokumenti annessi ma' l-istess rikors".

2. Ikun utli li jigi rilevat li din il-kawza, mibdija fis-26 ta' Novembru 1987, giet deciza mill-allura Qorti tal-Kummerc fis-6 ta' Ottubru 1994. Il-petizzjoni ta' l-appell da parti tal-konvenuti proprio et nomine dahlet fl-1 ta' Novembru 1994, minghajr dokumenti maghha.

L-appell gie trattat fit-28 ta' Mejju 1997 u differit ghas-sentenza ghas-seduta tas-7 ta' Ottubru 1997. Kif inghad supra, fil-25 ta' Settembru 1997 l-appellanti intavolaw

rikors akkompanjat bi tlett dokumenti konsistenti f'zewg ittri (kopji) intestati fuq il-Bank of Valletta u att notarili (ara fol. 227-230 tal-process).

3. Il-kontroparti appellata opponiet ghat-talba ta' l-appellanti biex jigu ammessi dawn id-dokumenti godda f'dana l-istadju – ara risposta datata 23 ta' Ottubru 1997, a fol. 233 et sequitur tal-process.

4. Milqugha t-talba ghall-fini ta' sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, il-kawza suppost thalliet ghall-provvediment opportun dwar il-bqija tat-talba ta' l-appellanti ghall-15 ta' Dicembru 1997. Stranament, il-Qorti kif dakinhar komposta, x'aktarx bi zvista, irregistrat verbal (ara fol. 235) kif ser jinghad,
"Billi l-Qorti ghandha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza, il-kawza giet differita ghas-27 ta' Marzu, 1998, ghall-istess skop tal-verbal precedenti".

5. Fit-23 ta' Marzu 1998 (fol. 236 tal-process), is-socjeta` attrici appellata pprezentat rikors li fih talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u talbet ukoll xi tibdil fl-okkju tal-kawza u dan fis-sens li kull fejn tirrikorri l-kelma "Limited", din tigi mhassra u mibdula bl-ittri "p.l.c.", konformement ma tibdiliet li saru fil-ligi dwar socjetajiet fl-1995. Dan ir-rikors ma jidhirx li gie dekretat. Kien ifisser allura li issa kien hemm zewg rikorsi u mhux wiehed, jigifieri wiehed minn kull parti, li kellhom jigu dekretati.

6. Fl-24 ta' Marzu 2003 is-socjeta attrici appellata intavolat rikors iehor akkompanjat bi tlieta u ghoxrin (23) dokument gdid fejn talbu li din il-Qorti,
".... joghgobha f'kaz illi tilqa' t-talba ta' l-appellanti kontenuta fir-rikors taghhom tal-25 ta' Settembru 1997, u tiddeciedi li titratta bhala aggravju validu wkoll l-eccezzjoni gdida hemm sollevata, tawtorizza lis-socjeta` esponenti tipproduci provi rigwardanti l-istess eccezzjoni u aggravju gdid inkluzi l-annessi dokumenti markati Dok MC1 u Dok JP1 sa Dok JP22 wara li taghti l-provvedimenti opportuni."

Ghalkemm huwa evidenti li dan ir-rikors huwa intimament marbut ma' l-ezitu tar-rikors tal-25 ta' Settembru 1997

maghmul mill-appellant, xorta wahda tibqa' l-htiega li dan it-tielet rikors jigi wkoll iddekretat.

Tajjeb f'kull kaz li jigi rilevat li skond l-ahhar verbal tas-seduta tat-2 ta' April 2003 l-appellant Joseph Borg proprio et nomine ddikjara li hu
"... ma jsibx oggezzjoni li jigu esebiti dawk id-dokumenti li qed tindika s-socjeta` attrici f'kaz ta' ezitu favorevoli ta' l-appellant fir-rigward tar-rikors tieghu a fol 225 gia` msemmija"

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

7. Ikun utli li fl-ewwel lok jinghata provvediment dwar l-ewwel rikors <u>tas-socjeta` appellata</u> datat 23 ta' Marzu 1998 fejn intalbet korrezzjoni fl-okkju tal-kawza konsistenti fil-kancellament tal-kelma "Limited" kull fejn din tirrikorri u biex minflokha jidhlu l-ittri "p.l.c.".

Il-Qorti hadet kont ta' din it-talba. Wara li nnutat li tali tibdil sar in konsegwenza ta' emendi li saru fl-1995 fil-ligijiet tal-pajjiz dwar socjetajiet, u hadet ukoll kont ta' dak li hemm ikkontemplat fl-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u billi jidhrilha li tali tibdil ma jimporta ebda tibdil fis-sostanza ta' l-azzjoni u ta' l-appell in ezami, din il-Qorti qeghda tilqa' l-istess talba u tordna ghalhekk li, a kariku tar-Registratur, isiru l-korrezzjonijiet opportuni fl-okkju tal-kawza u kull fejn hu mehtieg konformement mat-talba u in konsegwenza tat-talba maghmula mis-socjeta` attrici appellata kif fuq inghad.

**<u>DWAR IT-TALBIET GHALL-PRODUZZJONI TA' DOKUMENTI GODDA</u>**

8. Jifdal b'hekk zewg rikorsi x'jigu dekretati, wiehed minn kull parti, it-tnejn b'talba ghall-fini ta' produzzjoni ta' dokumenti 'godda' fl-istadju ta' appell. Billi t-tieni rikors tas-socjeta` appellata huwa dipendenti ghal kollox fuq l-ezitu tar-rikors l-iehor ipprezentat mill-appellant Joseph Borg proprio et nomine ikun jaqbel li fl-ewwel lok jigi ezaminat dan ta' l-ahhar.

L-appellant Joseph Borg proprio et nomine jimmotiva t-talba tieghu billi jghid li fil-mori tal-kawza quddiem din il-

Qorti ta' l-Appell huwa u meta l-kawza kienet tinsab diferita ghas-sentenza (ara fol. 225),
"…. fil-frattemp irrealizza li l-ittri mibghuta mill-Bank of Valletta ta' l-14 ta' Awissu, 1989 u tal-21 ta' Jannar, 1992 kif ukoll il-kuntratt fl-atti tan-nutar Joseph Henry Saydon tat-2 ta' Jannar 1992, li qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dokument A, B u C huma rilevanti hafna ghad-decizjoni ta' din il-kawza u specjalment ghas-sottomissjoni tieghu li l-agir ((<u>recte</u> bl-agir) tieghu l-Bank ippregudika l-posizzjoni tal-garanti specjalment billi minghajr il-kunsens ta' l-esponent irrilaxxja mill-obbligi taghhom terzi li kienu qed jiggarantixxu in solidum."

9. Kif gia` inghad, is-socjeta` attrici appellata opponiet ghall-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti fl-istadju ta' l-appell. Is-socjeta` appellata tissottometti li dan l-aggravju ma kienx jiffigura fost l-eccezzjonijiet sollevati fl-ewwel istanzi u li ghalhekk kien effettivament jammonta ghal eccezzjoni gdida ulterjuri, sollevata ghall-ewwel darba fi stadju ta' appell u bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 728 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola tassattivament f'liema stadju ghandhom jitressqu u jinghataw l-eccezzjonijiet.

10. "Di diritto" ghandu jinghad li fir-rigward ta' x'dokumenti ghandhom jingiebu mar-rikors ta' appell, hemm disposizzjoni specifika fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili li tistipula – hekk ara l-artikolu 145 – li mar-rikors ta' appell ghandhom jingiebu d-dokumenti li jkunu jsahhu t-talbiet tal-wiehed jew l-eccezzjonijiet ta' l-iehor. <u>Huwa pacifiku li l-appellant proprio et nomine naqas milli jipprezenta dawn id-dokumenti mar-rikors ta' appell</u>. Issa ghalkemm din ir-regola qeghda hemm biex tigi osservata skrupolozament, madankollu l-ligi tal-procedura stess tipprovdi wkoll ghal meta jistghu jingiebu dokumenti barra miz-zmien. Fil-fatt, l-Artikolu 150 ta' l-istess Kap. jiddisponi hekk,
"150(1) Meta dokument ma jigix migjub kif stabbilit fl-Artikolu 145, dan id-dokument jista' jingieb biss –

(a) meta, ghad li wiehed ikun ghamel hiltu, ma setax ikollu d-dokument qabel il-prezentata ta' l-att li mieghu

kien imissu jingieb, u l-prezentata ta’ dak l-att ma setghatx, bla hsara, tithalla ghal wara; jew

(b) meta l-qorti tkun sodisfatta mill-htiega jew mill-utilita` li jkollha d-dokument quddiemha:

Izda, f’kull kaz bhal dan, il-qorti tista’, fil-qtugh ta’ l-ispejjez tal-kawza, tiehu qies tad-dewmien li bih gie migjub id-dokument; jew

(c) meta l-parti kuntrarja, b’nota separata, jew b’notament fil-genb jew fit-tarf tan-nota li biha d-dokument jingieb, taghti kunsens taghha, jew

(d) meta jigi ppruvat, b’gurament jew xort’ ohra, li l-parti li ggib id-dokument, ma kinitx taf bih, jew ma setghetx, bil-mezzi li taghti l-ligi, iggibu fiz-zmien li jmiss; jew

(e) meta d-dokument li ghandu jingeb huwa ktieb jew karti originali ohra, illi tkun ingiebet kopja taghhom jew estratti minnhom dwar il-kwistjoni fil-kawza fiz-zmien li jmiss; jew

(f) quddiem periti, meta d-dokument ghandu x’jaqsam mal-kwistjoni mhollija ghall-ezami taghhom.

(2) Izda, f’kull stadju tal-kawza li fih jinqala’ l-bzonn, jistghu jsiru t-talbiet li jinhtiegu dwar kwistjonijiet kollaterali.”

Mis-suespost mela huwa car li r-regola msemmija fl-Artikolu 145 tal-Kap. 12 m’hijiex wahda assoluta billi tista’ tigi “mxellfa” ghal xi wahda mir-ragunijiet specifikati fl-Artikolu 150. Dan maghdud, din il-Qorti xorta wahda hija tal-konvinzjoni li tali fakolta` ta’ produzzjoni ta’ dokumenti ulterjuri fi stadju ta’ appell ghandha tibqa’ <u>wahda ta’ natura eccezzjonali</u> u m’ghandha qatt tinghata jew titwessa’ leggerment.

11. Din il-Qoti ezaminat il-konsiderandi taht l-Artikolu 150 ghall-fini ta’ ammissjoni ta’ dokumenti pprezentati tardivament u ma sabet <u>xejn</u> x’jiggustifika l-akkoljiment tat-talba ta’ l-appellant proprio et nomine. Din il-Qorti

m'ghandhiex ghalfejn tidhol fi studju akkademiku jew guridiku dwar jekk il-prova li jrid jaghmel l-appellant pro et noe quddiem din il-Qorti kienitx fil-fatt tikkostitwixxi eccezzjoni gdida (kif qeghda ssostni s-socjeta` attrici appellata) jew kienitx invece tirrientra u tifforma parti mill-eccezzjonijiet gia` sollevati mill-appellant pro et nomine. Dan ghaliex dak li verament trid tezamina din il-Qorti huwa jekk tali prova gdida setghetx issir opportunement quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad. F'dan ir-rigward hemm l-Artikolu 206 (2) tal-Kap. 12 li jghid car u tond li
"Wara l-eghluq tas-smigh tal-kawza, ma jistghux jingiebu provi ohra, hlief ghal raguni tajba u bil-permess tal-qorti."

12. Applikat mela s-suespost mal-fatti in ezami, jirrizulta li l-appellant nomine, fl-istadju tal-gbir tal-provi quddiem l-ewwel Qorti kellu gia` d-dokumenti kollha fil-pussess tieghu li seta' liberament, kieku hekk ghazel u ddecieda f'dak l-istadju, jipprezentahom. Minkejja li l-appellant deherlu li dawn kienu dokumenti "rilevanti" ghall-fini tal-kawza istitwita kontrieh, huwa deherlu li ma jipproducihomx. Mhux hekk biss imma lanqas hass il-bzonn biex almenu jipprezentahom mar-rikors ta' appell a tenur ta' l-Artikolu 145 tal-Kap. 12. Anzi, mill-atti jirrizulta li filwaqt li l-petizzjoni ta' appell giet ipprezentata fl-1 ta' Novembru 1994, ir-rikors in ezami sar fil-25 ta' Settembru 1997, jigifieri ftit anqas minn tlett (3) snin wara. F'din il-kawza jirrizulta li sija naha u sija ohra, fil-kors tal-gbir tal-provi, esebew ghexieren ta' dokumenti u ma kien hemm xejn x'izomm lill-appellant pro et nomine milli jaghmel uzu, billi jipprezenta wkoll mit-tlett dokumenti li issa deherlu li kienu u huma rilevanti ghall-kawza. Fi kliem iehor, l-eccezzjonijiet tal-ligi ghar-regola dwar il-produzzjoni ta' dokumenti barra miz-zmien m'humiex qeghdin hemm u m'ghandhomx iservu biex parti f'kawza jkollha l-possibilita` li timla' lakuna fil-provi taghha jew biex addirittura tavanza provi jew eccezzjonijiet godda.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ta' l-appellant proprio et nomine ghal fini ta' produzzjoni ta' tlett dokumenti godda f'dana l-istadju ta' appell – wiehed ta' revizjoni – hija wahda infondata.

13. Bl-istess mod, mutatis mutandis, il-konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti ghandhom iregu u japplikaw fir-rigward tar-rikors ulterjuri tas-socjeta` appellata maghmul fl-24 ta’ Marzu 2003 u ghall-istess ragunijiet, dan ir-rikors ghandu wkoll jigi respint.

Ghal dawn il-motivi, tipprovdi billi (1) tilqa’ t-talba tas-socjeta` appellata kif kontenuta fir-rikors taghha datat 23 ta’ Marzu 1998 b’dan li tordna li ssir d-debita korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn hu mehtieg; (2) tichad it-talba ta’ l-appellant proprio et nomine kif kontenuta fir-rikors tieghu datat il-25 ta’ Settembru 1997 ghall-fini ta’ produzzjoni ta’ dokumenti godda; (3) tichad fl-ahharnett it-talba tas-socjeta` appellata kif kontenuta fir-rikors datat l-24 ta’ Marzu 2003 fejn talbet ukoll li tipproduci dokumenti godda – spejjez rizervati sal-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------